**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Dicembru, 2019**

**Mandat Nru: 1501/2019 AF**

**Vincenzo Leone**

**vs**

**Jason Mifsud,**

**Four Site Operations Limited (C-28153)**

**u**

**Raise Fields Limited (C-38089)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Vincenzo Leone li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet izzomm lill-intimat milli,

(i) Jaghmlu xogholijiet ta' skavar fuq in-naha adjacenti ghal fond tar-rikorrenti f'numru 279 fl-istess Triq ta' Masrija, Mellieha, minghajr ma tigi osservata d-distanza stipulata fl-artikolu 439 tal-Kap. 16 u,

(ii) Ikomplu bil-kostruzzjoni tal-perimeter wall fuq in-naha adjacenti ghall-fond tar-rikorrenti fuq imsemmi minghajr ma jiehdu dawk il-mizuri prekawzjonali necessarji skond is-sengha u l-arti sabiex jigu assigurat illi b'rizultat ta' u konsegwenti ghall-kostruzzjoni tal-imsemmi perimeter wall ma jigux kawzati hsarat fil-fond tar-rikorrenti minhabba infiltrazzjoni tal-ilma jew xort'ohra.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Jason Mifsud, Four Site Operations Limited u Raise Fields Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2019 fejn il-Qorti hatret lil Perit David Pace biex jirrelata dwar il-vertenza.

Rat ir-rapport tal-Perit Pace u semghetu jixhed in eskussjoni.

Rat li d-digriet thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest huwa car u ben stabbilit. Jigi dejjem enfasizzat illi kull ezami li taghmel il-Qorti f'dan l-istadju jibqa' dejjem limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn.

Ir-rikorrenti jibda billi jilmenta dwar skavar minghajr ma tigi osservata d-distanza li trid il-ligi. Dwar dan il-Qorti tinnota illi l-iskavar fuq is-sit jidher illi ilu kompletat u b'hekk ma jistax jitqies ai fini ta' dan il-mandat. Lanqas l-istess rikorrenti ma ghamlu ebda accenn ghalih, la fid-dokumenti esibiti u lanqas fit-trattazzjoni.

L-ilment principali tar-rikorrenti jidher illi huwa nuqqas ta' ftehim dwar il-prekawzjonijiet li ghandhom jittiehdu sabiex tigi evitata perkolazzjoni tal-ilma bejn il-hitan taz-zewg proprjetajiet stante li l-bini adjacenti mhux ser jappoggja mal-hajt tar-rikorrenti.

Il-Qorti tinnota li l-hajt tar-rikorrenti huwa miksi mentri l-hajt gdid qatt ma jista' jinkesa u b'hekk huwa fl-interess tal-intimati wkoll illi ma jinfiltrax ilma bejn il-hitan.

Dwar il-gonta orizzontali, l-intimati qeghdin jiddikjaraw:

*"li ghalkemm kif xehed il-Perit David Pace, il-metodu propost mill-intimati kien bizzejjed biex jissalvagwarda l-interessi kemm tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimati, u li z-zieda tal-filata fuq l-apromorta tar-rikorrenti, u l-inseriment ta' construction joint material bejn il-qoxriet, ma kienx mehtieg, imma mizura prekawzjonali addizzjonali kif suggerit mill-Perit f'paragrafu 18(a). L-intimati jiddikjaraw illi huma sejrin jaderixxu ma' din il-proposta."*

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti mhijiex ser tqis aktar ir-rikors sa fejn jolqot din il-parti tax-xogholijiet.

Dwar il-gonta vertikali, ir-rikorrenti baqghu jsostnu li l-hajt taghhom jkollu ghandu jigi miksi b'"membrane". Il-perit hu tal-fehma li din mhux prassi accettata. L-istess perit isemmi li jezistu diversi modi ta' protezzjoni mill-ilma. Huwa jikkonferma wkoll illi l-eghluq tal-gonta jsir wara li jittella' l-hajt.

Fid-dawl ta' dan kollu, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ssodisfawx il-vot tal-ligi biex jiggustifikaw il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-4 ta' Novembru 2019 u tichad it-talba ta' Vincenzo Leone.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF